I

(Atti adottati skont it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom hija obbligatorja)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT (KE) Nru 396/2009 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

tas-6 ta' Mejju 2009

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1081/2006 dwar il-Fond Soċjali Ewropew biex jestendi t-tipi ta' spejjeż eliġibbli għal kontribut mill-FSE

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 148 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew [1],

Wara li kkonsultaw lill-Kumitat tar-Reġjuni,

Filwaqt li jaġixxu konformement mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat [2],

Billi:

(1) L-Artikolu 56 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 tal-11 ta' Lulju 2006 li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond ta' Koeżjoni [3] jipprevedi li r-regoli dwar l-eliġibbiltà tal-infiq għandhom jiġu stabbiliti fuq livell nazzjonali, b'ċerti eċċezzjonijiet stabbiliti fil-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Regjonali u l-Fond Soċjali Ewropew (FSE).

(2) L-Artikolu 11(3) tar-Regolament (KE) Nru 1081/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [4] jistabbilixxi liema nfiq huwa eliġibbli għal kontribut mill-FSE kif iddefinit fl-Artikolu 11(1) ta' dak ir-Regolament.

(3) Il-kriżi finanzjarja tiġġustifika l-bżonn għal simplifikazzjonijiet oħrajn biex jitħaffef l-aċċess għal għotjiet ikkofinanzjati mill-FSE.

(4) Fir-rapport annwali tagħha tal-2007, il-Qorti Ewropea tal-Awdituri rrakkomandat li l-awtoritajiet leġiżlattivi u l-Kummissjoni jkunu lesti li jikkunsidraw mill-ġdid it-tfassil tal-programmi tal-infiq futuri billi jagħtu konsiderazzjoni debita għas-simplifikazzjoni tal-bażi tal-kalkolu tal-ispejjeż eliġibbli u li jagħmlu użu akbar ta' pagamenti ta' somom f'daqqa jew b'rata fissa minflok rimborż ta' "spejjeż reali".

(5) Sabiex tiġi żgurata s-simplifikazzjoni meħtieġa fit-tmexxija, l-amministrazzjoni u l-kontroll ta' operazzjonijiet li jirċievu għotja mill-FSE, b'mod partikolari meta marbuta ma' sistema ta' rimborż imsejsa fuq ir-riżultati, huwa xieraq li jiżdiedu żewġ forom addizzjonali ta' spejjeż eliġibbli, jiġifieri somom f'daqqa u finanzjamenti b'rata fissa bbażati fuq tabelli standard ta' spejjeż unitarji.

(6) Sabiex tiġi żgurata ċ-ċertezza legali fir-rigward tal-eliġibbiltà tal-infiq, din is-simplifikazzjoni għandha tkun applikabbli għall-għotjiet kollha mill-FSE. Għalhekk, għandha tkun meħtieġa l-applikazzjoni retroattiva b'effett mill-1 ta' Awwissu 2006, li hija d-data ta' dħul fis-seħħ tar-Regolament (KE) Nru 1081/2006.

(7) Għalhekk ir-Regolament (KE) Nru 1081/2006 għandu jiġi emendat kif meħtieġ,

---

[1] LOpinjoni tal-25 ta' Frar 2009 (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

[2] L-Opinjoni tal-Parlament Ewropew tat-2 ta' April 2009 (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u d-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-5 ta' Mejju 2009.

[3] ĠU L 210, 31.7.2006, p. 25.

[4] ĠU L 210, 31.7.2006, p. 12.

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-paragrafu 3 tal-Artikolu 11 tar-Regolament (KE) Nru 1081/2006 huwa b'dan emendat kif ġej:

(1) il-punt (b) għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(b) fil-każ ta' għotjiet:

(i) spejjeż indiretti, iddikjarati fuq bażi ta' rata fissa, sa 20 % tal-ispejjeż diretti ta' operazzjoni;

(ii) spejjeż b'rata fissa kkalkulati b'applikazzjoni ta' tabelli standard ta' spejjeż unitarji kif definiti mill-Istat Membru;

(iii) somom f'daqqa biex ikopru l-ispejjeż ta' operazzjoni sħiħa jew parti minnha;";

(2) għandhom jiżdiedu is-subparagrafi li ġejjin:

"L-għażliet imsemmija fil-punti (i), (ii) u (iii) tal-punt (b) jistgħu jiġu kkombinati biss fejn kull waħda minnhom tkopri kategorija differenti ta' spejjeż eliġibbli jew fejn jintużaw għal proġetti differenti fl-istess operazzjoni.

L-ispejjeż imsemmija fil-punti (i), (ii) u (iii) tal-punt (b) għandhom jiġu stabbiliti minn qabel fuq il-bażi ta' kalkolu ġust, ekwu u li jista' jiġi vverifikat.

Is-somma f'daqqa msemmija fil-punt (iii) tal-punt (b) m'għandhiex taqbeż il-EUR 50 000.".

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Madankollu, għandu jkun japplika b'effett mill-1 ta' Awwissu 2006.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Strasburgu, is-6 ta' Mejju 2009.

Għall-Parlament Ewropew
Il-President
H.-G. PÖTTERING

Għall-Kunsill
Il-President
J. KOHOUT